MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2010

Numru 20/2008

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Abuagila KH. Elwahishi**

**1.** Dan hu appell minn decizjoni tal-Qorti Kriminali dwar eccezzjoni preliminari moghtija minn dik il-Qorti fil-11 ta' Jannar 2010. L-akkuzat appella minn dik is-sentenza b'rikors intavolat fl-14 ta' Jannar 2010.

**2.** Abuagila KH. Elwahishi kien akkuzat, permezz ta’ Att ta’ Akkuza pprezentat mill-Avukat Generali fil-5 ta’ Dicembru 2008 (nru 20/2008) li: (1) assocja ruhu ma’ persuni ohra f’Malta u ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina u droga ohra f’Malta kontra l-ligi, jew li ppromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni; (2) importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tista’ tigi importata medicina perikoluza (eroina) f’Malta kontra l-ligi; u (3) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina kontra l-ligi f’cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

**3.** Fin-nota ta’ eccezzjonijiet tieghu tad-29 ta’ Dicembru 2008, l-imsemmi Abuagila KH. Elwahishi ressaq zewg eccezzjonijiet. L-ewwel eccezzjoni kienet tghid hekk: “eccezzjoni a tenur tas-sub-inciz (b) tas-sub artikolu (1) tal-artikolu 449 tal-Kodici Kriminali ghar-rigward tal-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ l-Akkuza stante li fil-parti akkuzatorja huwa monk ai termini tas-sub-inciz (c) tal-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali, stante li l-Avukat Generali naqas milli jfisser il-fatt li jikkostitwixxi dan ir-reat u minflok, il-fatti hekk kif irrapportati jirrelataw dwar reat iehor u cioe` dak tal-importazzjoni, minflok ma jirrelata dwar ir-reat ta’ assocjazzjoni. Di piu`, lanqas fl-atti tal-istruttorja ma jirrizultaw xi provi li jistghu b’xi mod jew iehor jitfghu dawl u/jew isostnu l-akkuza ta’ assocjazzjoni. Din hi mibnija biss fuq spekulazzjoni u hsibijiet u mhux fuq provi w ghalhekk dan il-kap tal-Att tal-Akkuza la jaghti w lanqas qatt ma jista’ jaghti l-partikolaritajiet dwar iz-zmien u l-lok li fihom saru l-fatti (l-assocjazzjoni) allegat mill-Avukat Generali. Dan l-izball mhux wiehed li jista’ jigi korrett skond ma jiddisponi l-artikolu 599 tal-Kodici Kriminali. Ghalhekk dan il-kap ghandu jigi cedut ai termini tal-artikolu 600 tal-Kodici Kriminali”. It-tieni eccezzjoni giet irtirata permezz ta’ nota pprezentata fl-udjenza tat-12 ta’ Ottubru 2009.

**4.** Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant stqarr li dik il-parti ta’ l-ewwel eccezzjoni fejn inghad li fl-atti ta’ l-istruttorja ma jirrizultawx xi provi li jistghu b’xi mod jew iehor jitfghu

dawl u/jew isostnu l-akkuza ta’ assocjazzjoni, giet irtirata waqt is-sottomissjonijiet li saru fl-udjenza msemmija tat-12 ta’ Ottubru 2009, u d-difensur tieghu rega’ stqarr quddiem din il-Qorti fis-seduta tad-29 ta’ April 2010 li ghandha titqies hekk irtirata. Ghalhekk l-eccezzjoni ta’ l-appellant hi limitata ghal dak li huwa jqis in-nuqqas ta’ l-Avukat Generali li fl-Ewwel Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza jfisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat ta’ assocjazzjoni kif inhu doveruz li jaghmel skond is-subinciz (c) ta’ l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali.

**5.** Fil-parti rilevanti tas-sentenza taghha dwar l-ewwel parti ta’ l-ewwel eccezzjoni, l-ewwel Qorti qalet hekk:

“**Issa l-parti narrattiva tal-Ewwel Kap tal-att tal-akkuza li qed jigi impunjat isemmi *inter alia* li :-**

***‘Illi mill-investigazzjonijiet irrizulta li fit-tnax ta’ Frar tas-sena elfejn u tminja (2008) kif ukoll fil-jiem ta’ qabel , l-akkuzat ….iddecieda li jibda jmexxi w jittraffika d-droga herojina. …..kien ftiehem ma’ persuna jew persuni ohra li kellha tghaddilu l-imsemmija droga biex umbaghad l-akkuzat jikkonsenjaha lill-persuni ohra f’ Malta.’…… ‘In esekuzzjoni ta’ dan il-pjan mahsub minn qabel l-akkuzat.. gie Malta fit-12 ta’ Frar….(2008) biex jittraffika l-imsemmija droga’*** **li** ***‘minn analizi u ezamijiet li saru wara minn esperti forensici, gie konfermat li….kienet id-droga imsemmija fl-ammont ta’ tlitt elef mija u tlieta u ghoxrin punt tlitt grammi w cioe’ medicina perikoluza li titqies bhala sustanza illegali …’*** **(sottoliear tal-Qorti).**

**“F’dawn il-fatti fuq riprodotti, hemm inkluzi, sia pure telegrafikament, l-elementi kollha tar-reat tal-assocjazzjoni w cioe` 1. iz-zmien; 2. il-ftehim bejn zewg persuni jew aktar; 3. li tigi traffikata f’Malta id-droga herojina w 4. il-mod kif dan kellu jsir u cioe` billi l-akkuzat idahhalha f’Malta w jikkonsenjaha lil haddiehor.**

**Mhux hekk biss. Imma jidher li ukoll gie rispettat *in toto* l-vot tal-ligi fl-artikolu 589(c) fuq imsemmi, ghax dan il-kap ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat t'assocjazzjoni; bil-partikolaritajiet ta' zmien (12 ta' Frar 2008 u '*<u>fil-jiem ta' qabel</u>*'<u>).</u> S'intendi mhux mehtieg li jissemmew il-persuni li dak li jkun ikun ftiehem maghhom jekk dawn ma jkunux maghrufin (kif generalment ikun il-kaz f'dawn il-kazijiet ta' *couriers* li jgibu droga minn barra minn Malta). Il-ligi trid li l-partikolaritajiet li jrid jinghataw ikunu dawk *<u>'li jkunu jistghu jinghataw'</u>* u, fejn dawn ma jkunux maghrufa, hu ovvju li ma jkunux jistghu jinghataw.**

**"Ghalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-mod adoperat mill-Avukat Generali fl-istezura tal-ewwel kap tal-att tal-akkuza ma jmurx kontra d-dispositiv tal-artikolu 589 (c) tal-Kodici Kriminali w konsegwentement l-ewwel eccezzjoni qed tigi respinta."**

**6.** Minn din il-parti tas-sentenza tal-11 ta' Jannar 2010 appella, kif inghad, l-akkuzat. Fir-rikors ta' appell tieghu tal-14 ta' Jannar 2010 l-imsemmi Elwahishi jillanja illi "ma jistax ikun hemm dubju li l-vot tal-ligi ma jigix sodisfatt meta l-Avukat Generali, minflok il-fatti (u fil-mankanza tal-fatti) jiccita testwalment il-ligi sabiex l-ingredjenti tar-reat jigu kollha inkluzi." Skond l-appellant, fejn fl-Ewwel Kap ta' l-Att ta' Akkuza jinghad li "(l)-akkuzat kien ftiehem ma' persuna jew persuni ohra li kellha tghaddilu l-imsemmija droga biex imbaghad l-akkuzat jikkonsenjaha lil persuni ohra f'Malta", mhuwiex qed jaghti dawk id-dettalji necessarji biex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi skond l-imsemmi artikolu 589(c). L-appellant isostni li "jidher li r-raguni ghad-decizjoni tal-Qorti Kriminali kienet li mhux mehtieg li jissemmew il-persuni li dak li jkun ikun ftiehem maghhom jekk dawn ma jkunux maghrufin (kif generalment ikun il-kaz f'dawn il-kazijiet ta' *couriers* li jgibu droga minn barra minn Malta). Il-Qorti kompliet tghid li l-ligi trid li l-partikolaritajiet li jridu jinghataw ikunu dawk *<u>'li jkunu jistghu jinghataw'</u>* u, fejn dawn ma jkunux maghrufa, hu ovvju li ma jkunux jistghu jinghataw." L-appellant ikompli jghid li dan huwa l-punt li qieghed jaghmel: "Filwaqt li huwa sa certu punt accettabbli li l-persuni ma jissemmewx

b'isimhom, fl-istess waqt zgur ma huwiex accettabbli li persuna tigi akkuzata b'assocjazzjoni meta s-suppost ftehim ikun biss prezunt bhalma qed jigri f'dan il-kaz. Jekk l-Avukat Generali ma jafx bil-ftehim li qed jallega li sar, m'ghandux jakkuza lill-esponent b'dan ir-reat. Jekk min-naha l-ohra jaf bil-ftehim, ghandu, kif titlob il-ligi, jispjega x'inhu dan il-ftehim u l-modalitajiet tieghu, anke jekk dan jaghmlu fil-qosor. Izda ma jistax semplicement jirriproduci t-test tal-ligi minghajr ma jaghti hjiel tal-fatti li jwasslu ghar-reat jew ghal element partikolari ta' dak ir-reat."

**7.** Din il-Qorti tghid mill-ewwel li ma tikkondividix is-sottomissjonijiet ta' l-appellant. Huwa minnu li l-Ewwel Kap hu redatt b'parsimonja fl-uzu tal-kliem. Izda bhalma qalet l-ewwel Qorti, fil-fatti msemmija wiehed isib "sija pur telegrafikament", l-elementi kollha tar-reat ta' assocjazzjoni. Issa, biex ikollok tali assocjazzjoni jrid ikollok, skond is-subartikolu (1A) tal-Art. 22 tal-Kap. 101, mhux biss il-ftehim li wiehed jittraffika, izda l-konsocjati jridu wkoll ikunu ftehmu ossia kkombinaw dwar "il-mezzi, ikunu xi jkunu, li bihom [l-istess konsocjati] ghandhom jimxu." Fil-kaz in ezami, dawn il-mezzi jirrizultaw mit-tieni paragrafu ta' l-Ewwel Kap, fejn, minbarra r-referenza ghall-ftehim bejn zewg persuni jew aktar, hemm referenza cara ghall-*modus operandi*, cioe` li d-droga kellha tigi konsenjata lill-akkuzat li mbaghad kellu jdahhalha Malta u hawn jikkonsenjaha lil persuni ohra.

**8.** Saret referenza mid-difensur ta' l-appellant ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-8 ta' April 2010 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Matthew-John Migneco**. Bhalma jirrizulta minn dik is-sentenza pero`, hemm kien hemm karenza totali ta' referenza ghall-*modus operandi*. Fil-fatt f'dik is-sentenza ntqal hekk:

**"Il-parti esposittiva tal-fatti tat-tieni kap – effettivament l-ewwel paragrafu tat-tieni kap – ma tghid assolutament xejn dwar dawn il-mezzi. Il-paragrafu jghid biss li l-akkuzat u tnejn min-nies ohra (Rizzo u Buttigieg) ftehmu "biex tigi traffikata llegalment id-droga raza tal-*cannabis* u dan bi profitt [ghall-akkuzat]." Xejn dwar il-mezzi miftehma jew**

**ikkumbinati! Ir-referenza ghaz-zmien u c-cirkustanzi msemmija fl-ewwel kap tal-Att ta' Akkuza ma hi assolutament ta' ebda ghajnuna, ghax kullma jinghad fil-parti espositiva tal-ewwel kap hu li Migneco nstab fil-pussess tar-raza "li kienet intiza biex tigi kunsinnata lil certu Buttigieg...u wara traffikata." Il-"mezzi" jibqghu fir-relm tal-immaginazzjoni."**

**9.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata, u tordna li l-atti jigu rimessi lill-Qorti Kriminali ghall-kontinwazzjoni tal-kaz skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------